MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1041/2003

**A f'isimha proprju u permezz ta' digriet moghti fit-13 ta' Ottubru 2003 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri B, C u D lkoll ahwa E**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal-4 ta' Novembru 2003 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti FE**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Ottubru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fis-27 ta' Jannar 1991, minn liema zwieg twieldu tlett itfal, Kresimir, C u D lkoll ahwa E;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija w ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, *oltre* l-fatt illi konvenut ilu nieqes minn dawn il-Gzejjer ghal aktar minn sentejn, u fil-fatt abbanduna lill-martu w uliedu tant illi m' ghandhom l-ebda forma ta' kuntatt mieghu;

Illi l-attrici ottjeniet id-debita awtorizazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Awissu 2000 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza;

Illi tentattiv sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Kresmir, C u D ahwa E, f' idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija minuri dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti;

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 *et sequitur* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg

porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema prozjonijiet jigu assejati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *okkorredno* bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna lill-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 7 ta' Ottubru 2003, a fol. 4, fejn talbet umilment lil din il-Qorti sabiex joghgobha tordna lil l-istess rikorrenti tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Kresimir, C u D ahwa E.

Rat id-digriet datat 13 ta' Ottubru 2003, fejn inghata digriet nota guramentata tal-attrici b' terminu ta' 10 t'ijiem u nghata digriet ghall-prezentata ta' l-affidavits attrici b' terminu ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' l-istess digriet. Il-Qorti laqghat it-talba u nnominatha bhala kuratrici *ad litem* ta' l-istess minuri.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 7 ta' Ottubru 2003 fejn talbet li jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti FHedegus fl-atti tal-kawza u jekk ikun il-kaz f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-4 ta' Novembru 2003 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi fejn laqghet it-talba

u nnominat lil Dr. Renzo Porsella-Flores u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghal-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 2 ta' Frar 2004 fejn il-kawza giet appuntata ghall-11 ta' Mejju 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tat-22 ta' Marzu 2004 a fol. 25 fejn gie eccepit:-

1. Illi qabel xejn jidher li jehtieg li ssir tiswija billi l-attrici mhix kuratur deputat tat-tliet uliedha minuri izda kuratrici *ad litem* taghhom; l-eccipjenti jaghtu ruhhom b'notifikati mal-ewwel hekk kif issir it-talba u jirrinuzjaw kull terminu;

2. Illi jidher ukoll li z-zmien utli mid-digriet tas-Sekond' Awla tal-31 ta' Awissu 2000 biex tinfetah din il-kawza ilu li ghalaq izda l-eccipjenti ma jsibu l-ebda oggezzjoni li ssir talba biex l-atti jkunu sanati;

3. Illi fil-mertu huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'l quddiem;

4. Illi fi kwalunkwe kaz jidher li s-sitt (6) u t-tmien (8) talba jidhru zejda.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 26 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta' Mejju 2004 fejn Dr. Graziella Bezzina ghall-attrici pprezentat nota guramentata u l-affidavit ta' l-attrici u tat kopja lill-kontro-parti Dr. Renzo Porsella-Flores prezenti bhala kuratur ghall-assenti u dan seduta *stante*. Il-Qorti nominatat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex fil-mori tiffissa zewg seduti ghal kull parti ghall-provi kollha. Dr. Graziella Bezzina nfurmat lil Qorti li ma ghandhiex indirizz ta' l-assenti. Dr. Josette Demicoli bhala Assistant Gudizzjarju kellha tara li s-seduti jinzammu sa l-ahhar ta' Ottubru 2004.

Rat in-nota guramentata ta' l-attrici pprezentata fil-11 ta' Mejju 2004 li in verita' hija biss iffirmata mill-Avukat Dr. Graziella Bezzina u dan kif jidher a fol. 29 u fol. 29a tal-process. Ma jidhirx li giet mahlufa mill-attrici minkejja d-digriet tal-Qorti.

Rat in-nota tal-attrici **A** tal-11 ta' Mejju 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fl-4 ta' Ottubru 2004, fejn xehdu **Samuel Nicholl in rappresentanza tal-APS Bank**, **Saviour Micallef in rappresentanza tal-Bank of Valletta**, **Audrey Ghigo in rappresentanza tal-HSBC** u **Jeanette Lepre' in rappresentanza tal-Lombard Bank**.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-8 ta' Novembru 2004, fejn kompla jixhed **Saviour Micallef in rappresentanza tal-Bank of Valletta.**

Rat il-verbal datat 25 ta' Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indiposta.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fis-6 ta' Dicembru 2004, fejn xehed **Christopher Darmanin, rapprezentat tad-Direttur tal-Licenzji**.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fis-7 ta' Marzu 2005.

Rat il-verbal datat 5 ta' Mejju 2005, fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta' Mejju 2005, a fol. 167, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tawtorizza lill-attrici sabiex tidher wahedha fuq l-att finali ta' bejgh tal-fond bl-isem "C'est La Vie" Triq l-

Inkurunazzjoni, Mosta u dan skond it-termini stipulati fil-konvenju datat 2 ta' Mejju 2005, u dan bl-eskluzjoni ta' zewgha FE, b' dan ukoll illi jsir il-bejgh kemm tas-sehem indiviz tal-esponenti mill-fond imsemmi kif ukoll tas-sehem indiviz ta' l-assenti FE ta' l-istess fond;

2. Jekk ikun opportun tahtar kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi ta' l-assenti FE fuq l-atti finali tal-bejgh imsemmi;

3. Taghti kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha li fic-cirkostanzi huma xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 10 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuti noe datata 3 ta' Gunju 2005, a fol. 179.

Rat id-digriet datat 8 ta' Gunju 2005, fejn il-Qorti f'dan l-istadju cahdet it-talbiet kif dedotti, b'dan li l-partijiet kellhom jaraw li jaghlqu l-provi. Il-Qorti rriferit ukoll ghar-risposta tal-konvenut u provdiet li tali talbiet ma jistghux issiru b'rikorsi *pendente lite* almenu skond il-ligi u regolamenti attwali u b' hekk il-procedura uzata mhiex idonea.

Rat id-digriet datat 2 ta' Awissu 2005 u ghal buon fini kkonfermat b'digriet odjern li t-talbiet kif kontenuti fir-rikors ta' l-attrici tad-9 ta' Mejju 2005 gew ineffetti michuda.

Rat ir-rikors datat 19 ta' Lulju 2005, fejn l-attrici talbet lil din il-Qorti biex joghgobha tordna li sa fejn huwa possibbli l-kawza fl-ismijiet premessi tigi rikjamata ghal data aktar fil-qrib, u sabiex dakinhar tinghata s-sentenza, wara li l-partijiet jinghataw l-opportunita' li jressqu n-noti tal-osservazzjonijiet taghhom u fin-nuqqas, taqta' u tiddeciedi din il-kawza fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2006.

Rat li l-kuraturi deputati ma opponewx ghall-istess talbiet skond *visto* datat 14 ta' Lulju 2005.

Rat id-digriet datat 20 ta' Lulju 2005, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-pretensjonijiet taghha cari u b'referenza ghall-atti tal-kawza bin-notifika lill-kontro-parti li jkollu ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet responsiva. Il-Qorti ordnat ukoll li l-atti sfuzi jidhlu fil-process.

Rat in-nota tal-kuratur deputat Dr. Renzo Porsella Flores datat 18 ta' Ottubru 2005.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat <u>8 ta' Novembru 2005</u> fejn il-kawza giet rikjamata ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005 b'dan li l-istess attrici ghandha tara li ssir notifika ta' dan id-digriet lill-kontro-parti.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 5 ta' Awissu 2005, li permezz taghha prezentat kopja ta' kuntratt ta' xiri w akkwist tal-fond bl-isem C' Est La Vie, Triq l-Inkurunazzjoni, Mosta datat 4 ta' Novembru 1996 in atti tan-Nutar Dr. Sandro Schembri.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 2 ta' Novembru 2005 fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tirrikjama l-kawza ghal data aktar fil-qrib u biex tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-Digriet datat 3 ta' Novembru 2005 fejn il-Qorti in-notifika lill-kontro-parti b' ghaxart (10) ijiem ghar-risposta.

Rat id-Digriet datat 29 ta' Novembru 2005, fejn il-Qorti laqghet it-talba b' dan illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005, kif fil-fatt kienet diga' rikjamata permezz tad-Digriet datat 8 ta' Novembru 2005.

Rat id-digrieti l-ohra ta' din il-Qorti.

Rat l-atti l-ohra kollha esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed tallega li hemm kaz ta’ firda personali peress li skond hija l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija w ingurji gravi da parti tal-konvenut, *oltre* l-fatt illi konvenut ilu nieqes minn dawn il-Gzejjer ghal aktar minn sentejn, u fil-fatt abbanduna lill-martu u lill-uliedu tant hija qed tghid li m’ghandha la hija u lanqas uliedha l-ebda forma ta’ kuntatt ma’ zewgha.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-27 ta’ Jannar 1991, minn liema zwieg twieldu tlett itfal, Kresimir (8 ta’ Lulju 1991), C (27 ta’ Frar 1996) u D lkoll ahwa E. L-attrici tghid li l-istess konvenut qatt ma ried imantni lil uliedu u lanqas lilha u fil-fatt hija kienet tahdem fin-negozju tal-familja taghha u kienet tuza flus li kienet taqla’ ghall-hajja taghha u ta’ uliedha, mentri tghid li zewgha kien jonfoq il-flus fuq il-karozzi li kellu. Minkejja d-diffikultajiet ta’ bejniethom jidher li l-koppja ddeciediet li tixtri d-dar fejn toqghod u minkejja li l-attrici tghid li l-konvenut kellu mill-inqas seba’ mitt lira Maltija (Lm700) fix-xahar mix-xoghol tieghu bhala *draughtsman* huwa kien ihallas biss lill-attrici b’kemm thallas il-kontijiet tad-dawl, ilma u kera u xejn izjed. Skond l-istess attrici minkejja dan in-nuqqas ta’ trattament *da parte* tal-konvenut lejha fejn anke kien maqdara f’kollox, jidher li l-istess attrici harget tqila, izda sa’ dak iz-zmien l-konvenut kien deciz li ma jibqax jghix maghha, tant li kien qalla li kien izzewwigha ta’ bilfors sabiex jahrab minn pajjizu u hija tghid li l-istess konvenut assenti kellu relazzjoni ma’ mara ohra. Fil-fatt f’Jannar 2000 beda’ jghid lill-attrici li ried is-separazzjoni minnha, u f’ Mejju 2000 huwa abbanduna d-dar konjugali u wkoll it-tifla tieghu, li qatt allura ma ra ghaliex din twieldet fil-31 ta’ Lulju 2000. Minn dakinhar jirrizulta li huwa qatt ma mantna lil uliedu u lanqas lil martu u *in verita’* jidher li tul il-hajja kollha taghhom flimkien il-konvenut qatt ma’ ha bis-serjeta’ r-responsabilitajiet tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li l-konvenut assenti kien hati *verso* l-attrici ta' abbandun, adulterju, eccessi, mohqrija w ingurji gravi fil-kofront ta' l-attrici u ta' uliedu, b'dan li kawza ta' l-istess il-hajja bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment ghar-ragunijiet imputabbli unikament u esklussivament lill-istess konvenut assenti.

Illi dwar il-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut abbanduna lil martu u lil uliedu u ma jidhirx li l-istess ghamel xi forma ta' kuntatt maghhom almenu ghal dawn l-ahhar hames snin. Din il-Qorti f'din id-decizjoni ma hijiex ser taghmel provedimenti dwar l-access ghall-minuri, anke ghaliex il-missier ma jidhirx li wera wisq interess fihom. Bizzejjed jinghad li lit-tifla l-konvenut lanqas biss raha ghaliex meta abbanduna d-dar konjugali lanqas kien jaf li l-attrici kienet tqila.

Illi dwar it-tielet talba attrici jidher li l-istess attrici u uliedha ghandhom dritt ta' manteniment pero' jidher li minn dejjem kien hemm diffikulta' sabiex l-istess manteniment jithallas u fil-fatt jista' jinghad li l-konvenut qatt ma' osserva l-obbligazzjonijiet tieghu ghall-hlas ta' manteniment u ghalhekk din il-Qorti ser tiehu l-provedimenti opportuni fid-dawl ta' dak li jipprovdu **l-artikolu 48 u 54 tal-Kap 16** u dan billi tassenja l-fond *"C'est La Vie,* Coronation Street, Mosta bil-mobbli kollha ta' go fih lill-attici, b'dan li s-sehem tal-konvenut mill-istess fond u kull interess tieghu fl-istess qed jigi trasferit lill-attrici, bil-konsegwenza li b'effett minn din is-sentenza l-istess fond b'dak kollu ta' go fih ikun jappartjeni unikament u esklussivament lill-attrici b'dan li l-istess attrici tkun responsabbli ghal kull dejn li bih huwa gravanti l-istess fond skond kif indikat mal-Bank of Valletta plc li skond l-ittra datata 2 ta' Mejju 2005 kien jammonta ghall-Lm46,772.90, bl-eccezzjoni tad-debiti li f'din is-sentenza qed jigu apporzjonati lill-konvenut. Dan qed issir *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment ta' l-attrici u uliedha kontra l-konvenut.

Illi l-vetturi kollha msemmija mill-attrici tal-marka Tata, Fiat Ritmo u Hyundai rispettivament b'kull dejn kollu li hemm fuq l-istess qed jigu assenjati unikament lill-konvenut assenti, b'dan li l-istess konvenut ikun responsabbli ghal kull dejn dovut fuq l-istess karozzi; l-istess konvenut qed jigi ddikjarat li huwa unikament responsabbli ghal kull dejn dovut fuq *overdraft* mal-istess Bank of Valletta plc u kull dejn mal-Maltacom plc fuq l-istess fond in konnessjoni mas-servizz tat-telefon u kull kont tad-dawl u ilma sad-data ta' din is-sentenza.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut u tiddikjara li l-konvenut assenti huwa hati *verso* l-attrici u uliedha ta' abbandun, adulterju, eccessi, mohqrija w ingurji gravi fil-konfront taghha u ta' uliedu, b'dan li kawza ta' l-istess il-hajja bejn il-kontendenti ma' ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment ghar-ragunijiet imputabbli unikament u esklussivament lill-istess konvenut assenti u ghalhekk tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

(2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Kresmir, C u D ahwa E, f' idejn l-attrici;

(3) Tiddikjara li konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta' manteniment lill-attrici u lil uliedu izda peress li jidher u jirrizulta li l-konvenut qatt ma' aderixxa ma' l-obbigi tieghu ta' manteniment bhala missier ta' uliedu u r-ragel ta' l-attrici u peress li jirrizulta li ser ikun hafna difficli sabiex l-istess attrici u wliedha jithallsu dan il-manteniment din il-Qorti ser tiehu l-provedimenti opportuni abbazi ta' l-

**artikolu 48 u 54 (6) tal-Kap 16** konsegwenti ghall-hames talba attrici;

(4) Tilqa' r-raba' talba attrici u tapplika kontra l-konvenut, interament id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 *et sequitur* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

(5) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u dwar likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u minhabba dak premess u bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 u 54 (5) u (6) tal-Kap 16** tassenja l-fond *"C'est La Vie,* Coronation Street, Mosta bil-mobbli kollha ta' go fih lill-attrici, b'dan ghalhekk li sehem tal-konvenut mill-istess fond u kull interess tieghu fl-istess qed jigi trasferit lill-attrici, bil-konsegwenza li b'effett minn din is-sentenza l-istess fond b'dak kollu ta' go fih ikun jappartjeni unikament u esklussivament lill-attrici b'dan pero' li l-istess attrici tkun responsabbli ghal kull dejn li bih huwa gravanti l-istess fond skond kif indikat mal-Bank of Valletta plc li skond l-ittra datata 2 ta' Mejju 2005 kien jammonta ghall-Lm46,772.90, bl-eccezzjoni tad-debiti li f'din is-sentenza qed jigu apporzjonati lill-konvenut. Dan qed issir ukoll *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment ta' l-attrici u uliedha kontra l-konvenut;

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-konvenut assenti l-vetturi kollha msemmija mill-attrici, tal-marka Tata, Fiat Ritmo u Hyundai rispettivament, b'kull dejn li hemm fuq l-istess vetturi, b'dan li l-istess konvenut ikun responsabbli ghal kull dejn dovut fuq l-istess karozzi; l-istess konvenut qed jigi ddikjarat wkoll li huwa unikament resposabbli ghal kull dejn dovut fuq *overdraft* mal-istess Bank of Valletta plc u kull dejn mal-Maltacom plc fuq l-istess immobbli in konnessjoni mas-servizz tat-telefon u kull kont tad-dawl u ilma sad-data ta' din is-sentenza;

(5) Tinnomina Nutar Pubbliku Mario Bugeja sabiex jircievi l-att ta' trasferiment tal-fond u immobbli fuq indikat lil attrici, b'dan li s-sehem tal-konvenut mill-istess jigi trasferit lill-attrici kif indikat f'din is-sentenza u tordna li dan il-kuntratt issir fil-bini tal-Qrati Superjuri, nhar il-20 ta'

Dicembru 2005 fil-11.30.a.m. u tinnomina lill Dr. Charmaine Zammit bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(6) Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi;

(7) Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti filwaqt li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------